PDF Compressor Pro



# DE SOLDANIS

## L-ESPLORATUR TAL-ILSIEN MALTI

ROSABELLE CARABOTT

PDF Compressor Pro

**De Soldanis: L-esploratur tal-ilsien Malti**

Dan il-ktejjeb huwa ħolqa fis-sensiela ta' attivitajiet biex infakkru t-tliet mitt sena mit-twelid ta' de Soldanis. L-awtriċi żammet f'moħħha s-sillabu taċ-ĊES (2014) hija u tfassal il-ktieb għall-istudenti tar-Raba' u tal-Ħames Sena tas-Sekondarja. Il-ktejjeb qed jitqassam lill-istudenti bla ħlas.

**Test**

© Rosabelle Carabott, 2012

**Disinn u Stampar**

Best Print Co. Ltd., il-Qrendi

**Stampat minn Heritage Malta bil-kollaborazzjoni ta' EKO Għawdex (Ministeru għal Għawdex), il-Libreriji Maltin u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.**

Kull dritt miżmum f'kull nazzjon. L-ebda parti tat-test jew ta' xi illustrazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, bl-ebda mezz, mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur u tal-awtriċi.

ISBN: 978-99957-0-285-4

L-ewwel edizzjoni 2012

Żur www.youtube.com/desoldanis biex tisma' d-djalogi u l-intervisti ma' storiċi u lingwisti.

Fis-sit http://malti.skola.edu.mt issib it-tweġibiet tat-taħriġiet li jidhru f'dan il-ktejjeb. Issib ukoll id-djalogi kollha ta' de Soldanis b'xi tagħrif fuqhom.



# Kelmtejn qabel

L-Għawdxi Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis (1712-70) kien wieħed mill-persunaġġi l-aktar prominenti fix-xena akkademika u kulturali Maltija tas-seklu tmintax. Hu xandar ħafna fuq l-ilsien Malti u ta kontribut fl-apprezzament tal-wirt kulturali u naturalistiku tal-gżejjer Maltin. De Soldanis stinka wkoll biex inissel u jsawwar kuxjenza nazzjonali kontra l-ħakma, spiss żonqrija, tal-Kavallieri. Fi ftit kliem, huwa ħadem biex isaħħaħ l-identità nazzjonali.

Minkejja r-riferenzi spissi għall-għeruq Għawdxin tiegħu, de Soldanis huwa personaġġ storiku ta' rilevanza nazzjonali. F'dan il-kuntest ma setax jonqos li l-Ministeru għal Għawdex jissieħeb mal-aġenziji nazzjonali Heritage Malta u l-Libreriji Maltin, u mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta bil-għan li jħejji programm ta' attivitajiet kommemorattivi f'għeluq it-tliet mitt anniversarju mit-twelid tiegħu. Bi qbil unanimu ġie deċiż li dawn l-attivitajiet jolqtu firxa ta' udjenzi differenti. Minbarra l-organizzazzjoni ta' wirja temporanja fil-Ministeru għal Għawdex u fil-Bibljoteka Nazzjonali, ġew stampati żewġ pubblikazzjonijiet minn Heritage Malta. Dawn huma ġabra ta' studji riċerkati (li jinkludu l-katalgu tal-wirja msemmija), u dan il-ktejjeb fuq il-kontribut ewlieni ta' de Soldanis favur l-għarfien ta' lsien art twelidna. Fl-istess waqt, il-Bibljoteka Nazzjonali fi ħdan il-Libreriji Maltin nediet riproduzzjoni limitata u numerata tal-mappa manuskritta ta' Għawdex magħmula mill-Patri Kapuċċin, Luigi Bartolo, u li tinsab fil-manuskritt *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano* (1746) ta' de Soldanis.

Dan il-ktejjeb tlabnieha tiktbu Rosabelle Carabott, riċerkatriċi żagħżugħa. Issa ilha erba' snin taħdem fuq id-dizzjunarju u l-grammatika ta' de Soldanis. Huwa ttamat li dan il-ktejjeb, li sab l-għajnuna finanzjarja ta' EKO Għawdex, ikun ta' għodda tajba f'idejn l-istudenti tas-Sekondarja u jnissel fihom ir-rieda li jsiru jafu iktar fuq ilsien art twelidna... hekk, kif ried de Soldanis.

**Godwin Vella**
Kuratur Anzjan, Heritage Malta
f'isem il-Kumitat Organizzattiv

## X'tistenna minn dan il-ktejjeb?

Dan il-ktejjeb fih tagħrif bijografiku fuq de Soldanis u fuq ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu: id-dizzjunarju, il-grammatika, id-djalogi u l-qwiel. Permezz tat-taħriġiet, l-istudenti qed ikunu mistiedna jirriflettu fuq il-kwalità tax-xogħlijiet ta' de Soldanis.

Rosabelle Carabott tirringrazzja lil John Cremona u lil Godwin Vella li ħadu ħsieb il-loġistiċi tal-iddisinjar u l-istampar. Hija sabet l-għajnuna f'waqtha ta' David Agius Muscat, David Muscat, George Mifsud, Thomas Pace u speċjalment Olvin Vella. Huma qraw it-test b'interess u għaddew diversi suġġerimenti biex il-ktejjeb jolqot aktar lill-istudenti. Maroma Camilleri u l-istaff tal-Bibljoteka Nazzjonali pprovdew l-illustrazzjonijiet tax-xogħlijiet ta' de Soldanis. Nicholas de Piro u Francesca Balzan ipprovdew il-kopji tal-kwadri ta' Favray, filwaqt li Claire Bonavia għenet fit-tfassil tat-taħriġ tal-ilbies tradizzjonali. Daniel Bezzina ġentilment ħa ħsieb itella' r-rekordings tad-djalogi kollha fuq il-YouTube.

PDF Compressor Pro

# Il-bijografija

Ġan Piet Franġisk Agius twieled fit-31 ta' Ottubru 1712, ir-Rabat, Għawdex. Kunjom ommu, Sultana, żiedu aktar tard meta beda jikteb il-kotba u tah xejra Latina, *de Soldanis*. Fil-fatt għadna nafuh l-aktar b'dan il-kunjom.

Ta' sbatax-il sena, l-Isqof laħħqu kanonku tal-Kolleġġjata ta' Għawdex, u ftit snin wara laħaq qassis. De Soldanis kien ambizzjuż u matul is-snin ipprova jimxi 'l quddiem fil-karriera ekkleżjastika tiegħu.



**Dehra tar-Rabat u tal-Belt (l-isem popolari tal-Kastell) fi żmien de Soldanis**
**Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Treas. B 290**

Il-biċċa l-kbira ta' ħajtu qattagħha l-Belt, Għawdex. Id-dar kellu mużew bil-muniti qodma, medalji, skrizzjonijiet, oġġetti tal-fuħħar, statwi u librerija kbira. Permezz tal-qari u l-kitba, de Soldanis kien jaħrab l-għażż. Kien jogħxa jikteb fuq l-istorja, il-kultura, l-arkeoloġija u fuq l-ilsien Malti.

De Soldanis qatt ma qata' l-għeruq Għawdxin allavolja ġieli ħassu iżolat Għawdex minħabba li n-nies ta' madwaru kienu medhija bil-biedja u l-kaċċa, u ma kinux jinteressawhom l-istorja u l-kultura. Huwa ta xhieda tar-rabta tiegħu ma' Għawdex bil-kitba tal-istorja ta' din il-gżira. Sa żmienu, min kien jikteb fuq Malta lil Għawdex kien jaqbżu. De Soldanis kiteb fuq kemm hija għammiela l-gżira tiegħu, fuq il-kaċċa, l-għasafar u l-ħut, l-istorja tal-ordnijiet reliġjużi f'Għawdex, drawwiet qodma u fuq familji Għawdxin magħrufa.

Kien jegħleb l-iżolament kulturali billi jilqa' f'daru lil sħabu letterati u artisti u jikteb l-ittri lil kavallieri u studjużi li kienu jgħixu barra. Fost il-kavallieri li kien jikkorrispondi magħhom kien hemm uħud li kienu jafu l-Malti. Iż-żmien li qed nitkellmu fuqu kien bil-wisq differenti minn tal-lum: min kien jiktiblu l-ittri minn Ruma, Napli, Firenze, Venezja, Palermo, Sirakuża u Pariġi kien iniżżel indirizz bażiku ħafna (lanqas it-triq ma kien isemmi) u l-ittra kienet tasallu xorta waħda!




**L-indirizz ta' de Soldanis**




**Ittra indirizzata lil de Soldanis minn Franza**

Fi żmien de Soldanis ftit kienu jinteressaw ruħhom fil-Malti. Fosthom jidher li kien hemm min ma tantx kien iniżżlu lil de Soldanis. Skont Patri Pelaġju, de Soldanis ma kienx ilissen xi ittri sew għax kien ibati minn difett tat-taħdit. Il-konsonanti li ma kienx jaf ilissen kienet il-*q* għax flokha kien ilissen *k*. Illum, wara tliet mitt sena, naħsbu li dan ma kien difett xejn ta' de Soldanis imma influwenza djalettali – sal-lum il-kelliema tax-Xewkija u ta' partijiet mir-Rabat (Għawdex) ma jippronunzjawx il-*q* u flokha jużaw dejjem *k*, bħal *kattus, kabeż, koffa*.

De Soldanis kien jippubblika l-kotba tiegħu barra minn Malta għax fi żmienu mhux dejjem kellna stamperija. Dan kien ifisser battikata kbira minħabba s-safar li kien ikollu jagħmel u minħabba l-ispejjeż tal-ġarr tal-kotba. Huwa ppubblika Ruma, Napli, Venezja u Avignon.

Il-patrijottiżmu ta' de Soldanis nikkonfermawh minn żewġ xogħlijiet. Fl-ewwel wieħed, xandar bit-Taljan u bil-Franċiż il-fehma tiegħu li San Pawl innawfraga Malta u mhux Meleda (gżira fl-Adrijatiku) kif kien għadu kemm argumenta l-bibljotekarju ta' Sorbonne.

It-tieni xogħol patrijottiku għandu xejra politika u nkiteb wara l-konġura tal-ilsiera tal-1749. L-ilsiera Misilmin, li kienu kotrana hawn Malta, kienu ħadmu pjan biex iqumu u jieħdu lil Malta taħt idejhom għal għarrieda, imma l-pjan fallielhom. De Soldanis ħejja ktieb kontroversjali fuq din il-ġrajja għax fih ikkritika l-abbużi tat-tmexxija tal-Kavallieri u ddefenda d-drittijiet tal-Maltin. Kien jaf li minħabba l-pożizzjoni kuraġġuża tiegħu kien se jiġbed l-istmerrija tal-awtoritajiet u nqabad bejn ħaltejn: minn banda ried joħroġ il-ktieb biex jgħid dak li kellu jgħid; mill-banda l-oħra ma xtaqx jispiċċa ħażin. Għalhekk il-ktieb ħarġu xorta imma nqeda bl-isem ta' Michele Acciard, wieħed Taljan li kien sar jafu waqt safra. Kien kollu għalxejn: xi wħud kienu jafu li de Soldanis kien qed jaħdem fuq dan il-ktieb u l-Gran Mastru Pinto waħħal fih mill-ewwel u ordna li l-kotba kollha jinġabru mill-idejn u jitneħħew mill-ħwienet. De Soldanis spiċċa kellu jitla' Ruma jiddefendi ruħu quddiem il-Papa, li ordnalu jitlob maħfra lil Pinto malli jerġa' Malta.

Meta rtira fl-1763, de Soldanis ġie joqgħod Malta. Imma xahar wara ħatruh biex ikun l-ewwel bibljotekarju tal-Bibljoteka Pubblika (illum il-Bibljoteka Nazzjonali), il-Belt. Ix-xogħol li kellu kien kbir u wieħed minn sħabu li rah jaħdem hemm ħallielna tifkira bil-miktub. Dun Injazju Saverju Mifsud żar il-Bibljoteka u sabu medhi jikteb il-katalgi skont isem l-awtur u isem il-ktieb. Kellu eluf ta' kotba xi jniżżel.

De Soldanis miet fit-30 ta' Jannar 1770. Difnuh fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, il-Belt. Ħafna mill-manuskritti tiegħu ħalliehom lill-Bibljoteka. Fiż-żewġ paġni li jmiss ser issib tabella bil-ħajja tiegħu fil-qosor.

PDF Compressor Pro

## Il-ħajja ta' de Soldanis fil-qosor

| Sena | Età | Ġrajja |
| --- | --- | --- |
| 1712 | *0* | Twieled ir-Rabat, Għawdex, u ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. |
| 1729 | *17* | Ħatruh Kanonku tal-Matriċi ta' Għawdex. |
| | | Din is-sena kien joqgħod Malta. |
| 1730 | *18* | Kiteb ktieb żgħir ta' talb lill-Madonna, *Pensieri Mariali.* |
| 1733 | *21* | Kiteb djarju personali, *Giornale di cio che accadde in Malta e Gozo dal 7 gennaio al 29 dicembre 1733.* |
| | | Kiteb djarju ekkleżjastiku, *Notizie Ecclesiastiche per l'anno 1733.* |
| 1735 | *23* | Kiteb bit-Taljan fuq il-ħajja tal-Gran Prijur ta' San Ġwann, Fra Melchior Alpheran de Bussan. |
| 1738 | *26* | Il-Balì de Stadl talab lil de Soldanis jagħti tagħrif fuq Għawdex għax Abela ma semmiehx. |
| 1741 | *29* | Tqabbad mill-Gran Mastru jipprietka matul ir-Randan fil-Kolleġġjata ta' Għawdex. |
| 1746 | *34* | Kiteb *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano.* |
| 1749 | *37* | De Guast, li kien qiegħed Għawdex, għarraf lil de Soldanis li l-kavallier Portugiż Almeida xtaq jara grammatika tal-Malti stampata. |
| | | Ittra ta' Thomas Blackburne li fiha rringrazzja lil de Soldanis tal-ospitalità tiegħu f'Għawdex. |
| 1750 | *38* | Talab il-post ta' kanonku fil-Katidral ta' Malta imma ma rnexxilux. |
| | | Għadda manuskritt tal-grammatika lil Almeida. |
| | | Telaq Ruma għall-Ġublew. Ħa miegħu l-manuskritti tal-grammatika u l-*Mustafà.* |
| | | Stampa l-grammatika *Della Lingua Punica*, Ruma. |
| 1750-62 | *38-50* | Kien impenjat jaħdem fuq it-tieni grammatika, *Nuova Scuola della Lingua Punica.* |
| 1750-67 | *38-55* | Kien impenjat jaħdem fuq id-dizzjunarju, *Damma tal Kliem Kartaginis.* |
| 1751 | *39* | Stampa *Mustafà Bassà di Rodi*, Napli. |
| | | Kiteb *Apologia ... contro Michele Acciard.* |
| | | Il-Gran Mastru Pinto sejjaħ lil de Soldanis vili u insolenti għax bil-ktieb *Mustafà* attakka lill-Ordni. |
| | | Tela' quddiem il-Papa, Ruma, minħabba l-ktieb *Mustafà.* |
| 1752 | *40* | Reġa' Malta minn Ruma. |
| | | Beda l-korrispondenza ma' Mikelanġ Grima. Grima talbu jibgħatlu l-prietki bil-Malti. |
| | | Bonaventura Attardi feraħ lil de Soldanis tal-grammatika u ħeġġu jkabbar id-dizzjunarju. |
| | | Ladvocat, librar ta' Sorbonne, kiteb studju li fih mera li San Pawl ġie Malta. |
| 1753 | *41* | Ittra lil Vettori li fiha jgħidlu li se jaqilbulu d-dissertazzjonijiet fuq il-Malti bl-Ingliż. |
| | | Borgia feraħ lil de Soldanis tax-xogħol fuq id-dizzjunarju u qallu li kien lest jirrevedilu t-Taljan tal-*Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano* meta jgħaddilu l-manuskritt Grima. |
| 1754 | *42* | Ried jilħaq prepostu ta' Birkirkara imma ma rnexxilux. |



| Sena | Età | Ġrajja |
| --- | --- | --- |
| 1756 | *44* | Laqa' lil Injazju Saverju Mifsud f'daru, Għawdex. |
| | | Kiteb lill-Akkademja tax-Xjenzi f'Pariġi u semma li kien laqa' f'daru lil Favray. |
| | | Wieġeb lill-ġurnalist Pariġin bil-Franċiż, li sentejn qabel kien ikkritikah fuq nisel il-Malti. |
| | | Qaleb it-tweġiba tiegħu lill-ġurnalist bit-Taljan u stampaha. |
| | | Dericard qal lil de Soldanis li l-grammatika tal-1750 intlaqgħet tajjeb ħafna minn Bonamy, *Historiographe ancien pensionnaire del' Académie des Belles Lettres.* |
| | | Mandoux, *Prêtre habitué de la Paroisse St. Paul,* Pariġi, jgħid lil de Soldanis li Bonamy xtaqu *Académicien des Belles Lettres.* |
| | | Stampat il-*Memorie per servire alla Storia Letteraria di Sicilia* (Palermo) li kien fih ittri ta' de Soldanis. |
| 1757 | *45* | Stampa l-*Annone Cartaginese.* |
| | | Żar l-Italja u Franza. |
| | | Iddefenda t-tradizzjoni li San Pawl innawfraga Malta u mhux Meleda tal-Adrijatiku, u mera lil-Librar ta' Sorbonne bil-Franċiż. |
| 1757-58 | *45-46* | Iggradwa bħala avukat, Padova. |
| | | Kiteb il-manuskritt *Itinerario Italico.* |
| 1758 | *46* | Ingħata l-liċenzja ta' avukat. |
| | | Reġa' mill-Italja u Franza. |
| | | Qaleb it-tmerija lil Ladvocat bit-Taljan. |
| | | Kiteb sunett bil-Malti ddedikat lil Coltellini. |
| | | Stampa ittra fuq il-Kunvent u l-Knisja ta' Santu Wistin, Għawdex. |
| 1759 | *47* | Stampa ittra lil Mifsud fuq il-Kapuċċini ta' Għawdex. |
| | | Laqa' lil Mifsud f'daru, Għawdex. Għandu Mifsud qara l-*Itinerario Italico.* |
| | | Xtaq jilħaq provikarju ta' Għawdex iżda ma rnexxilux. |
| | | L-Inkwiżitur Salviati sejjaħlu "raġel ta' ħiliet kbar". |
| | | Gaetani feraħ lil de Soldanis li lesta d-dizzjunarju. |
| 1763 | *51* | Irtira Malta. |
| | | De Tencin ħatar lil de Soldanis bibljotekarju. |
| | | Mifsud mar il-Bibljoteka jarah jagħmel il-katalgu. |
| 1764 | *52* | Mifsud stampa ittra ta' de Soldanis lil Reboul fuq il-bakli li l-kleru kien juża waqt xi ċerimonji fil-Katidral ta' San Ġwann. |
| 1766 | *54* | Stampa karta volanti fuq iċ-Ċimiterju tal-Franċiżi fir-Rabat, Għawdex. |
| 1767 | *55* | Kiteb il-manuskritt *Notizie sopra l'Origine, ed Avanzi della Biblioteca.* |
| | | Iltaqa' mal-vjaġġatur Riedesel, li kien qed jagħmel il-Grand Tour. Iddiskutew xi skrizzjonijiet u qdumijiet Puniċi. Riedesel sejjaħ lil de Soldanis "l-egħref Malti". |
| 1768 | *56* | Kiteb it-testment. |
| 1769 | *57* | Ħassar it-testment. |
| | | Kiteb manuskritt dwar l-istatwa ta' Ercole li qrah G. Navarro f'konferenza letterarja, *Simolacro d'Ercole.* |
| 1770 | *58* | Miet. |

PDF Compressor Pro

## Id-dizzjunarju

L-ikbar biċċa xogħol ta' de Soldanis fuq l-ilsien Malti kienet id-dizzjunarju. Dam jiktbu mill-inqas 17-il sena, minn madwar l-1750 sal-1767. Kellu jagħmel ħafna sagrifiċċji biex jiktbu. Fil-fatt, fl-1759 stqarr bil-kitba ma' Injazju Saverju Mifsud li d-dizzjunarju kien qed jeħodlu sigħat twal mill-ġurnata.


che penſo un giorno riſtamparla con giunte nuove, Storiche, e Critiche, dopo che avrò atteſa la parola data alla Republica Letteraria di pubblicare il mio Dizzionario Punico - Malteſe, il quale mi toglie le mie più importanti ore del giorno: e quando voi vogliate rendere ed a me, ed alla noſtra patria pubblico ſervigio, avrò a grato di leggere preſto

Silta minn *Lettera sopra la fondazione ed esistenza della Chiesa, e Convento, e Convento de' RR. Padri Cappuccini del Gozo di Malta* ppubblikata minn de Soldanis fl-1759

**Id-dizzjunarju ħadlu erba' volumi, li għadhom manuskritti (jiġifieri miktubin bl-idejn).**

| | |
|---|---|
| **Vol. I** | **Malti-Taljan-Latin** |
| **Vol. II-III** | **Taljan-Latin-Malti** |
| **Vol. IV** | **Latin-Taljan-Malti** |



Id-dizzjunarju ta' de Soldanis, f'erba' volumi
Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Libr. MS 143/I - IV

**L-ewwel volum jismu *Damma tal-Kliem Kartaġiniż imxerred fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin.* Semmieh *damma* għax għamel *ġabra* tal-kliem bil-Malti. Il-kliem bil-Malti sejjaħlu *Kartaġiniż* għax kien jemmen li l-Malti mnissel mill-Puniku, mhux mill-Għarbi.**

**Il-valur ta' dan id-dizzjunarju hu kbir għax qadim u fih ħafna tagħrif kulturali.**

De Soldanis kien idum ifisser il-kliem għax kien jagħti ħafna dettalji li llum ma narawhomx imorru f'dizzjunarju. Imma fi żmienu kienet drawwa li dizzjunarju jkun fih tagħrif ieħor li mhux marbut mal-lingwa. Lanqas tistenna, ngħidu aħna, li l-kelma "Mnarja" teħodlu 570 kelma biex ifissirha. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel volum fih 1032 paġna.

De Soldanis kien jaf it-Taljan u l-Latin u dawn l-ilsna influwenzawh meta ġie biex jikteb id-dizzjunarju. Għalhekk il-verbi ma niżżilhomx fit-tielet persuna maskil singular tal-Perfett, kif nagħmlu llum. Ngħidu aħna, filwaqt li dizzjunarju modern jagħti l-kliem *ħadem, mexa, qabeż* (bi tweġiba għal "X'għamel hu lbieraħ?"), de Soldanis jagħti *n-achdem*, *n-emsci* u *n-akbes*.

De Soldanis jikkritika lil dawk il-Beltin, b'mod speċjali n-nisa, li kienu qed iħalltu l-Malti mat-Taljan. Għalih b'dan il-mod la kienu qed jitkellmu Malti tajjeb u lanqas Taljan tajjeb. Il-lingwa li kienu jitkellmu huma, de Soldanis stqarr li ma setax isejħilha Malti.

Hu kien jaqbel li meta jkun hemm bżonn, nisselfu kliem minn ilsna oħra. Imma kien joħodha kontra min juża kelma Taljana flok waħda Maltija b'kapriċċ.

Kollox ma' kollox, id-dizzjunarju ta' de Soldanis hu mera tal-Malti mitkellem mill-ħaddiema, in-nies tal-klassi l-għolja, il-foqra, ir-raħlin u l-beltin tas-seklu 18. Lilhom kollha kien iqishom kelliema ndaqs tal-Malti. Din hi r-raġuni għala fid-dizzjunarju ma ħalliex barra l-kliem ta' nisel Taljan li kien jinstema' f'ħalq in-negozjanti u n-nies "il-puliti" fl-inħawi tal-Port. Min ġie warajh ma ħax dejjem l-ispirtu tiegħu u ppreżentalna l-Malti tal-irħula biss. Lil de Soldanis nibqgħu nafuhulu għax kien bniedem b'moħħu miftuħ u impenjat biex isaħħaħ l-ilsien nazzjonali.

**Id-dizzjunarju ta' de Soldanis fih tagħrif ikkulurit f'kull paġna**

**l-ikel**

*Kavati* – **għaġin imtaqqab li jidilkuh bl-għasel. Min ma kienx ikollu għasel, fuq l-għaġin kien iroxx il-ġobon.**

**id-duwa**

*Penit* – **ħlewwiet li permezz tagħhom tgħaddilek is-sogħla.**

**l-ilbies**

*Żanni* – **libsa li jkollha ħafna strixxi kkuluriti u oġġetti mdendlin magħha li jagħmlu l-ħsejjes. Din kienu jilbsuha ż-żgħażagħ fil-karnival.**

**il-logħob tat-tfal**

*Loghob tal Papa* – **Din il-logħba kienu jsejħulha wkoll il-logħba tax-xita. Tifel jistħajjel li huwa Papa, joqgħod bilqiegħda fuq mejda taparsi t-tron, jilbes barnuża u taħtha jaħbi barmil mimli bl-ilma. Minn fost it-tfal li jinġabru biex jilagħbu, jintgħażel wieħed li qatt ma jkun ħa sehem fil-logħba u jgħidulu biex imur quddiem il-Papa għarkupptejh u jitolbu jaqlagħlu l-grazzja li tagħmel ix-xita. Hekk kif it-tifel jagħmel dan, il-Papa jneħħi l-barnuża u jferragħlu barmil ilma fuq rasu.**

**it-tradizzjonijiet**

*Neuiehhin* – **De Soldanis jgħidilna li fi żmien missirijietu kien ikun hemm grupp ta' nisa jibku u jnewħu fuq il-mejjet. Għalkemm din id-drawwa fi żmienu kienet inqatgħet, jgħidilna li kien hemm newwiħin oħra: grupp ta' żgħażagħ kienu jilbsu l-iswed u joqogħdu jibku l-karnival li jkun wasal fi tmiemu.**

PDF Compressor Pro

## It-tifsira tal-kelma "Mnarja" fid-dizzjunarju

**(Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Libr. MS 143/I, f. 379v)**

**Mnaria** n.s.f. festività de SS. Pier Paolo, che si celebra solennemente nella Chiesa Cattedrale di Malta. o Falò, fuoco di allegrezza l. festus ignis.

Propriamente vale Illuminazione, poiche nella Vigilia di detta solennità non si vede che Illuminazione alla chiesa e Città notabile, Sakkaja. Ivi concorre il popolo intero di Malta, si dalle Città che da'Villagj per la funzione della chiesa, a starvi allegramente in tutta la notte della Vigilia sulla Sakkaja, radunato poscia doppo La funzione della chiesa nel Giardino del Boschetto, vi mangiano allegramente, e molti si ubbriacano. Il Signor Favray vi assistè in uno di questi passati anni a questa Contadina raunanza, trasse al vivo il dissegno, tirato perfettamente in una Tavola. Chi vede questa, vede in un colpo d'occhjo tutto quel che fa di singolare quel popolaccio. Vi assistono alcuni al secondo Vespere, tutti però alla Mossa degli Animali (Asini, Mule, Cavalli, e Giumente) intervengono chi ne'balconi delle Case, chi sulle mura, chi in strada dentro i Calessi, e chi fuori, che si fa per la Sakkaja, ch'è un luogo, da cui conviene passarvi chi voglia entrarvi alla notabile o al suo Borgo, ritornando o andando alla Valletta. Nel Gozo pur conosciuta questa voce presso il suo popolo, e si celebra propriamente in Casal Nadur ai 29. giugno per la festa de'stessi Santi Pier Paolo, concorrendovi il Popolo Gozitano all'ora di pranzo al Boschetto, giardino antichissimo nello stesso Villaggio del Nadur, e dopo vespere che si celebra nella chiesa Parrochiale si conduce ad osservare la tanto compiacente Corsa degli Animali, introdotta nel Gozo ai principj del Secolo corrente 1700. Ho detto sopra che la dizione vale *Illuminazione*, perche io crederei che dall'antichissima consuetudine di solennizzare questa Festa con grande illuminazione nacque la voce di mnaria.

**Noti**

Deskrizzjoni grammatikali: nom, singular, femminil.

Tifsira bit-Taljan.

Tifsira bil-Latin. Illum dizzjunarju fuq il-Malti aktarx ikun Malti-Ingliż, mhux Malti-Taljan-Latin bħal ta' de Soldanis.

Tagħrif li llum ma nistennewhx f'dizzjunarju imma f'artiklu ta' gazzetta.

Għawdex kien għal qalb l-awtur u jsemmih kemm-il darba.

**Wieħed mill-artisti li de Soldanis kien laqa' f'daru kien il-pittur Pariġin Antoine Favray. Fid-dizzjunarju, de Soldanis isemmi l-pittura tiegħu fuq l-Imnarja u jgħid li Favray iqaxxar dak li jiġri l-Buskett.**



**Dettall tal-pittura: Żewġ daqqaqa u l-irġiel jiżfnu madwarhom**



**Dettall tal-pittura: Nies miġbura għall-ikel waqt il-festa tal-Imnarja**



***L-Imnarja*, pittura li kienet attribwita lil Favray minn Nicholas de Piro qabel ma sibna l-konferma fid-dizzjunarju ta' de Soldanis. Kollezzjoni privata**

PDF Compressor Pro



Id-daħla tad-dizzjunarju
Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Libr. MS 143/I, f. 2



ANNONE CARTAGINESE
CIOÈ
VERA SPIEGAZIONE
DELLA I. SCENA DELL' ATTO V. DELLA COMMEDIA
DI M.A. PLAUTO IN POENULO
FATTA COLLA LINGUA MODERNA MALTESE
O SIA L' ANTICA CARTAGINESE
DAL CANONICO
GIO. PIETRO FRANCESCO
AGIUS DE SOLDANIS
Accademico Errante, Rinnovato, di Aretusa;
del Buon-Gusto &c.

IN ROMA M. DCC. LVII.
PER GENEROSO SALOMONI STAMPATORE, E LIBRAJO.
CON LICENZA DE' SUPERIORI.

De Soldanis isemmi dan il-ktieb tiegħu fid-daħla tad-dizzjunarju. Fih ipprova juri kemm il-Malti jixbah il-Puniku

## Taħriġ fuq id-daħla tad-dizzjunarju

Il-kitba li ġejja hija d-daħla tad-dizzjunarju ta' de Soldanis. Hija kitba sabiħa u miktuba bi mħabba għall-ilsien Malti. Aqraha sew u wara agħżel jekk l-istqarrijiet marbuta magħha humiex veri jew foloz.

### Lel Karrai

Kif fe Diġna kolha j-ensabu uesk elsna u kliem u hekda uesk, li i-esta uihhet i-għodhom iek j-esta i-ghod el kuiekeb ta e Smeujet, u kolha ġeja men nesciegha uahhda, men daun becca metfuna, u becca fe ḋia tahhom, daun ghasc j-enketbu u j-enkrau, dauk ghasc la j-enketbu u lankas j-enkrau, j-etfiehmu beinjethom, eżda ma jetfiehmusc mal barranin. Ma t-ritc t-ara aghar hhaga, o karrai, men Bniedem li ma Bniedem ma j-etfiehemsc!

Ureit fel *Skola* gdida Li men mondu refsu l'art ta Malta u Ghaudesc dauk e nies li uesk j-esueu, e riden-ghid el Fenici enkella Kartaginisi, kat eżied ma chargu men daun el Gkzejer phhala darhom, u hek e lsienhom mahhom thhauel, u la kat enkala. Tabelhhak li tlakkam, eżda ukol lakkam el kliem ta dauk e nies ochra Li geu au biesc jokoghdu mahhom, au biesc iochdulhom makghadhom: el chsieb u el chedma ghal scein maghmula. Lsienna sa essa kien metfun, men hhat mhhares. Chareg sci darba ma sci uihhet Li siefer, eżda kif, phhal ghasfur tal Beit, li makaghdu dejem hia fdaru, hhat u kat fihh ma hhaseb. Alla uahhdu żammu kif żammu. ma husc e lsien ta min uihhet j-armihh uara dahru. Ueska kleimiet narau fel fomm taghna, nakkasin f-tal ochrain, hekda ukol ochrain f taghna nakkasin ghaliesc mensia. Dan kollu t-arahh f-din e *Ḋamma* menni maghmula. Kliemna jek nemmen lel rasi u lel fehemti hu mnessel mel gett Kartaginis, j-eschedli *Annuni Kartaginis* li raga ghadda fl-Europa ftit ilu, ma nahhlefsc li kol kelma geja me nesciegha Kartaginisa, ghaliesc bel tahhlit ta uesk nies gè e telkim tal kliem, emmenni, *karrai*, kliem barrani hem, kat daks Li e nies kienu jahhsbu, u meta ghrafthom, kscefthom. N-etma li i tieghem u t esctarr dina el chedma tighi, u iek e sib sci geuża ta sci kelma men ghair moḋmuma, af li hia chargetli men ghaneja. Hhat ichor j-egma u i lakkat el biad tal kliem li baka barra me *ḋamma*, biesc ma dina i kieghdu u hek scein ma j-entelef. Karrai etlob L'Alla ghalia, j-ena n-etlob Li el hena ta sema u ta l'-art e dur bik ghal dejem.

www.youtube.com/desoldanis

**L-istqarrijiet li nsibu fid-daħla:**

| | | |
|---|---|---|
| De Soldanis ixebbah l-ilsna u l-kliem mal-kwiekeb. | *veru* | *falz* |
| De Soldanis kien iħobbhom il-Feniċi. | *veru* | *falz* |
| Dak iż-żmien, il-Malti kien ilsien b'saħħtu għax ħafna nies kienu jiktbuh. | *veru* | *falz* |
| Għan-nies ta' żmienu l-ilsien Malti kellu valur kbir. | *veru* | *falz* |
| Il-Malti fi żmienu kien għadu lsien safi. | *veru* | *falz* |
| De Soldanis kien jifraħ kieku kien jaf li wara mewtu ħarġu dizzjunarji oħra tal-Malti. | *veru* | *falz* |

PDF Compressor Pro

## Taħriġ fuq id-dizzjunarju

***Tieġ Malti*, pittura attribwita lil Favray minn Nicholas de Piro**
**Kollezzjoni Palazzo Falson Historic House Museum, l-Imdina**



Dan il-kliem marbut mal-ilbies jidher fid-dizzjunarju ta' de Soldanis: *Colkana – Doblet – Kalziet – Kappel – Kmis – Kork – Manta – Sidria – Terhha – Żarbun*. Għat-tifsira tiegħu, ara paġna 22.

Issa ħares lejn din il-pittura ta' tieġ Malti f'raħal, speċjalment lejn id-dettalji. Qed tagħraf xi lbies milli jsemmi de Soldanis?



1. ....................................

2. ....................................

3. ....................................

6. *Manta* ....................................

7. ....................................

8. ....................................





4. ....................................

5. ....................................

9. ....................................

10. ....................................



PDF Compressor Pro

## Il-grammatika

Fl-1749, kavallier Portugiż xtaq li jkollu f'idu grammatika tal-Malti. De Soldanis sema' b'dan u daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u b'ġismu tant li sena wara għaddielu kopja manuskritta. Imma l-kavallier ma setax igawdiha wisq għax de Soldanis reġa' talabhielu biex jeħodha miegħu Ruma fl-1750. Il-grammatika stampaha hemmhekk bit-Taljan, ilsien li kien magħruf fost il-kavallieri u mal-ftit Maltin li kienu jafu jaqraw.

Il-grammatika marret tajjeb u biegħha Malta u Ruma. Xterdet fost l-istudjużi bis-saħħa tal-ħbieb ta' de Soldanis, u ħafna barranin meta qrawha bagħtu jifirħulu. Wieħed minnhom kien il-kirurgu Malti Mikelanġ Grima li dik il-ħabta kien qed jaħdem fi sptar, l-Italja. Grima kien ibigħ il-grammatika u jgħaddi l-flus lil de Soldanis. Kien ukoll ipartatha ma' kotba oħra li kien jaf li kienu jogħġbu lil sieħbu. Iżda Grima ġieli kien jagħti l-ktieb lil xi studjuż kbir bla ma jistenna xejn lura għax il-grammatika kien iqisha reklam għal de Soldanis u għall-ilsien Malti.

De Soldanis kiteb fuq kemm għandna nibżgħu għal dan l-ilsien qadim li sa żmienu kien ittraskurat minn kulħadd. L-ideat tiegħu qablu magħhom kittieba barranin u fosthom kien hemm min qalibhom bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Wara li ra kemm kienet marret tajjeb din il-grammatika, de Soldanis kiteb oħra ikbar: *Nuova Scuola della Lingua Punica*. Dam jaħdem fuqha tnax-il sena, mill-1750 sal-1762. B'xorti ħażina ma laħaqx ippubblikaha u għadha manuskritta.

**Fil-grammatika jagħti xi espressjonijiet li jintużaw ta' kuljum, bħal meta wieħed:**

**jitlob xi ħaġa**
Atini n-otolbok
Siġnur aghmelli piacir
Signura t onkosnisc

**juri apprezzament wara li ħaddieħor għamillu pjaċir**
nezzekchair
n-akbes el bahhar ghalik
len haun meta tridni

**fuq l-ikel u x-xorb**
ma ghandisc guhh
mejet bel ghac
Ara t esker

**fuq l-età**
Kem el sena ghandek?
Humiesc maghluka?
kat ma hu sciech min hu f sahhtu

**fuq it-temp**
Mchauad e temp
Dar e rihh
I Berrak

**fuq il-mixi**
ma n-estasc en chaffef
Enduru Daura?
Ghieit?



110 GRAMMATICA.

| | |
|---|---|
| ott' anni. | tmen snin. |
| nove anni | desa snin. |
| dieci anni | ghàsciar snin. |
| undici anni | ghdàse el senà. |
| dodici anni | tnàse el sena. |
| tredici anni | tlettase el sena. |
| quattordici anni | arbatàse el sena. |
| quindici anni. | chmustase el sena. |
| sedici anni | sittàse el sena. |
| diciassette anni | sbàtase el sena. |
| diciotto anni | tmùntase el sena. |
| diciannove anni | satàse el sena. |
| Vent' anni. | ghiscrin sena. |
| Trent' anni | tletin sena. |
| Quarant' anni | arbghin sena. |
| Cinquant' anni. | chamsin sena. |

Mesi

| | |
|---|---|
| Gennaro | Jannàr. |
| Febraro | Fràr. |
| Marzo | Marzu. |
| Aprile | April. |
| Maggio | Meiù. |
| Giugno | Gignu. |
| Luglio | Gignet. |
| Agosto | Auissu. |
| Settembre | Sciabàr e salip. |
| Ottobre | Qtubèr. |

No-

GRAMMATICA. 111

| | |
|---|---|
| Novembre | Imbèr. |
| Dicembre | Cimbèr. |

Settimana

| | |
|---|---|
| Domenica | El hhatt. |
| Lunedì | E thein. |
| Martedì | E tlieta. |
| Mercordì | L'Arbagha. |
| Giovedì | El chamis. |
| Venerdì | El Gengha. |
| Sabbato | E Sept. |

*L'ore secondo l'Orologio alla Francese. usato in tutta Malta.*

I. Sigha.
II. Saghtèin.
III. Tliet sighàt, o Tlietà.
IV. Arba sighàt, e l'erbghà.
V. Chàmes sighàt, o el Chàmsa.
VI. Sit sighàt, o e sitta.
VII. Saba sighàt, o sebghà.
VIII. Tmen sighàt, o tmègnia.
IX. Desa sighàt, o desghà.
X. Ghàsciàr sighàt, o el ghàsera.
XI. Ghdàse el sighà, o el ghdàse.
XII. Tnàse el sigha, o etnàse.

No-

***Della lingua punica* stampata Ruma fl-1750**

**De Soldanis ma tax ir-regoli biss, imma ġab xi kliem kif jgħiduh il-Maltin**

PDF Compressor Pro

# Id-djalogi

De Soldanis jibqa' magħruf fuq kollox għad-djalogi li inkluda fil-grammatika. Huma jirriflettu r-realtà tas-seklu tmintax, mhux biss għax juruna kif kienu jitkellmu missirijietna imma wkoll għax jixhdu l-istil ta' ħajjithom. De Soldanis kiteb djalogi fuq il-kaċċa, l-aħbarijiet, il-qoton, iż-żjarat tan-nisa fid-djar, iż-żwieġ u l-mewt.

Dawn li ġejjin huma żewġ djalogi li de Soldanis ħalla fit-tieni grammatika.

Inti u taqrahom żomm f'moħħok li V qiegħda għal Visitatrice u P għal Padrona.

### 1. Kumplimenti bejn in-nisa puliti meta jagħmlu żjara

Iż-żjarat bejn in-nisa tal-klassi l-għolja kienu komuni ħafna fis-seklu tmintax. Ġeneralment dawn in-nisa kien ikollhom l-ilsiera tagħhom, aktarx Misilmin jew Afrikani. Id-diskors tan-nisa waqa' fuq it-Torok. Għad li l-Assedju l-Kbir kien ilu mitejn sena li għadda, il-biża' mit-Torok kien għadu jinħass. Dan kien dovut għal ġrajja li seħħet fl-1760. Xini Tork kien qed ibaħħar fl-arċipelagu Grieg u wara li tefa' l-ankra u l-ekwipaġġ Tork niżel minn fuqu, l-ilsiera Nsara li kienu baqgħu fuq ix-xini ħatfuh u salpaw lejn Malta. Meta s-sultan Tork sar jaf, hedded li jaħbat għal Malta jekk ma jroddulux ix-xini. Il-Kavallieri ma ridux jitilqu x-xini minn taħt idejhom. Kemm it-Torok u kemm il-Maltin bdew iħejju ruħhom għat-taqbida, sakemm daħal fin-nofs is-sultan ta' Franza u xtara x-xini biex iroddu lis-sultan Tork.

Il-"Belt il-ġdida" li tissemma hija l-Forti Chambray, li nbniet fuq l-għolja ta' Ras it-Tafal, Għawdex. Is-swar tlestew fl-1761 iżda l-bini residenzjali baqa' ma nbeniex.

**V.** Sahha e Siġnuria Tighak

**P.** Sahha lilek Siġnura, merhha bik, u lel min mighak

Fatma chudelha el Mant, u el ghonnella

Daluakt Siġnura. Eia Siġnura Sitti, ati fideja el mant, jena netuihh. Gib haun el Ghonella biesc narfahha mal mant

**V.** Essa n-af fein jena, ghrekt uesk sa ma usalt, ghaliesc barra hemma el ghomma uesk. Emmenni ma flahhc nasal.

**P.** Nemnek ghasc ahhna haun mahhkurin be Scems, u el ghomma ma t onkosniesc.

Striehh, hem e Siggiet, okghot, challi n-estghallek ftit

**V.** n-af en ghidlek Li jena ghandi bsoġn

**P.** Chu l'ichor ghasc dak ghali ghalik

**V.** Kif trit, hhdeik n-okghot brihhet hek

**P.** ma n-estasc n-aghmel kif e rit, f kol uahhda e rit enkun jena, ghandi Ġhaisca jek ma en negkieżesc, ma t ethhareksc

**V.** Scein ma n estaghgeb, ghasc Tighi aghar menha

**P.** Chu l-engazzata u escrobha

**V.** ma en hhobsc ta Limunata, niechu men ta Leus

**P.** Scinhu li jenghad barra men gdid?

**V.** Dana e żmien e nies ma j etkelmusc hhlief fuk el megia ta Torok.

**P.** Tghid dal vieg, o dina e darba igu?

ma n-estasc nemmen kat li igu. Stambur uesk bghid men Malta. E Salib bażżieghi. kat ma ghamlu el prova meta chaduha maghna. Iafu e Torok kem dem carcru f dina l-art. Iestghu jaghmlulna e Deni, akbar ikun tahhom. Ahhna nesa li ma nestghusc en gibu l'armi i kolna en batu. Alla jaf fein ikolna n-enghalku. El ghalka ghalina huma e Torok. E Rgiel balla jesemghu u jarau, ahhna mghakes nesa n esemghu u ma narausc.

**V.** Hek hu. E tbatia kolha hi ghal nesa.

Hu kif enhu achiar el maghżel mel azzarin.

I kun kif alla i rit

**P.** Scein ma t ebża. E Slaten kolha maghna. el gran Tork j ahhseb u jara scinhu sejer jaghmel. Kolhhat cha l'Azzarin. e Suar mdaurin bel kannuni. e Sctut ezied u eżied. Ghaudesc kellet bel Belt gdida. Sa Kemmuna memlia bel Bronz u hhadid. Ien ma nemmensc li e Tork igi, ma ghandi fidi f Alla u f San Paul, li iek igi, i eftakar u ma i eftacharsc.

**V.** Hek hu. El Papa baghat ukol arba Scuieni, zeug Pinkotti, u mahhom kol git ghal malta, u kol ma hem bsogn kontra el ghadu.

Ochti seira e mur. Uasal el hhin. Fatma neuelli el Ghonnella u el mant, biesc e mur.

**P.** Ghala hek fisa!

**V.** Iedherlek fisa! Ḋallam.

**P.** Sctebża, hem e ḋaul tal kamar

**V.** En ghidlek. Uara l'ekel Żeugi irit e Leila phhal ma dari, imur idur daura, u n-ahhtieg en kun mighu, u e mur ghat li jena ghajena, ghasc biesc enghidha f-uahhda ma n-hhallisc uahhdu, l'eżied ghasc be Leil. Ma daun e Rgiel trit t okghod mahhom be scemgha t escghel.

**P.** Tetkellem ma min hu mgarrab

Fatma Lebbesha. Seuilha el ghonnella. Keghedelha el pez f nofs gbinha.

Daluakt Siġnura. Seiehh el Ghaisca biesc Tghinni.

Ma t-afsc kem j ratba

Kollosc hhlest

**V.** Siġnura ruhhi en hhallilek e leil tajeb.

**P.** Buona sira. Alla igi mighak. Selli uesk gha Siġnur. Teddauarsc ma targa biesc t okghot. Darb-ochra eja ezied kmieni.

**V.** n-aghmel e dmir tighi biesc n-igi. Addiu.

**www.youtube.com/desoldanis**



***Nisa Maltin jagħmlu żjara*. Kollezzjoni privata**

**Din il-pittura ta' Favray saret fl-1751, fl-istess żmien li de Soldanis kiteb id-djalogi. Il-pittura tirrappreżenta żjara bejn nisa tal-klassi l-għolja; tidher ukoll ilsira. Kulma jidher fiha jikkonferma dak li kiteb de Soldanis**

PDF Compressor Pro

### 2. Kumplimenti bejn in-nisa bdiewa meta jagħmlu żjara

Għad li anki n-nisa bdiewa kienu jżuru lil xulxin, iż-żjarat tagħhom kienu jkunu inqas frekwenti minn tan-nisa tal-klassi l-għolja, kif jidher mill-kumment: "min irit i ghisc b-idu, ma j estasc i mur i żur." In-nisa bdiewa, barra li kienu jkunu impenjati bit-trobbija ta' wliedhom, ix-xogħol tad-dar u r-rutina ta' kuljum, kienu jikkontribwixxu wkoll għad-dħul ekonomiku ta' familthom. Minn xogħol għal ieħor ma tantx kien ikollhom ħin għall-mistrieħ. Għalhekk ma jistax jonqos li anki meta kienu jżuru lil xulxin kienu jieħdu x-xogħol tal-idejn magħhom. B'hekk kienu jsieħbu x-xogħol mar-rikreazzjoni.

**V.** Sahha Scbent
**P.** Ghaddi Scbent. merhhba bik. Dina bentek. merhhba bik u biha. Kem i sbeihha.
**V.** Benti, chlieka t Alla.
**P.** Scesemha.
**V.** Kella.
**P.** Kem el sena ghandha
**V.** Fe Tnasc
**P.** Hia saret f dakka uahhda Scebba
**V.** Dina e Żerrigha Scbent t-oghla uesk. Felli taraha ckeikna, felli taraha kbira. El Hhascisca hhażina dejem fuk el hhascisc taieb t-akbes
**P.** Gebc e scoghol mighak, biesc nokoghdu kaghda, ghasc ili n-esctiekek. Dina e darba ilek ma t-igi e żurni, ghat li iena geit tant Drabi. E Ragel jachdem barra, okghot kem jogh-gbok
**V.** Gebt e Tajar gha Raddiena. U Kella giebet el maghżel. Bhek en ghiscu.
Gebt el kalzetta.
Gebt el chiata.
Gebt el mchadda ghal bizzilla
Gebt e tajar ghal Brieret
**P.** ma husc ta ftit li gebt mighak e scoghol, Brihhet hek t-okghot sa flaghscia
**V.** Emmenni, ili geja tmien Tiem; ma scinhu? essa phhaga, essa b-ochra, kat ma stait. min ghandu e Tfal ma j estasc j ethharrek. min irit i ghisc b-idu, ma j estasc i mur i żur.
**P.** Cha e Raddiena, cha el kep, Seuja ghal kalbek
**V.** Keghdin i chaptulek el Bieb
Tghit min giè?
**P.** Sci Gara, min i rit i kun ichor!
Diechla hia, ma ghettleksc el Gara tighi!
Merhha bik, geit fel uakt, biesc n-okoghdu n ethhattuha, u briehhet hek n-achdmu eżied.
Iliesc haun Scbentna.
Kem kaghdet hia u Bentha
ma husc ta ftit Li ergaina eltkaina
**V.** Okghod hhdeja.
Kif trit. Husc hauna.
**V.** Iua.
Kif dghaddiha dana e żmien
Kaila tajeb, niżu Chair l'Alla.
**P.** Kolhhat Bsci salib.
**V.** ma tighi kbir uesk, ghasc ghandi e Ragel mkareb uesk, u Tfal sachta hhaja.
**P.** e Żmien dbeddel, u kall uesk. n-eftakar fe żmieni li Tfal kienu dejem uara messeriethom. Ellum kif jorbot el Hhożża i feccuhh u ma i Sibuhh, ghaliesc i rit iaghmelha ta Ragel kabel ma i kun tefel. u aghar saru e scebbiet. Fein e sibhom fe Tuieki, fle Buieb, fel Biut. Iarau kif i aghmlu biesc iesebhhu. I kun ghad Alla ma rahomsc, ghaineihom fuk el ghożżieb biesc i żeugu.
**V.** Seirin e morru. El kliem tajeb, u hhelu phhal e Cerasi, ma el hhin dachlelna.
**P.** Seirin kmieni
Ghala hek fisa?
**V.** Fisa? Bramt sit mraden. E Tefla gebded żeug mocchiet. Embaghad enti t af, ghad errit n-otboch le Ragel u lel Tfal.
**P.** morru be Sliema
**V.** Alla i hennik.

**www.youtube.com/desoldanis**

## Taħriġ fuq il-qwiel

**L-għaxart iqwiel li ġejjin huma ta' żmien de Soldanis. Kien l-ewwel wieħed li ħaseb li ta' min jiġbor dawn is-sentenzi qosra mimlija għerf u li ssawru mal-milja tas-snin.**

**Il-qwiel, bħall-bqija tal-lingwa, jinbidlu. Taħt kull qawl niżżel il-varjanti li tisma' llum.**

1. **Nahhka ta hhmar ma titlasc il fuk.**

 ______________________________

2. **Il meut u scita ma nafusc mita.**

 ______________________________

3. **Il kelma tuaiba tohhroc il far mi tkaiba.**

 ______________________________

4. **Il mistchia ocht el Gherf.**

 ______________________________

5. **Il kasba ma tet hharreksc men ghair rihh.**

 ______________________________

6. **El hhanzir taktalu dembu, deiem hhanzir.**

 ______________________________

7. **Il kolla tmur u tigi, flahhar tinkeser.**

 ______________________________

8. **Il hhuta il kbira tiekol e zghira.**

 ______________________________

9. **Riehh ta sigha i saffi el kiegha.**

 ______________________________

10. **Skont e zok el friehh.**

 ______________________________

PDF Compressor Pro




**Il-faċċata tad-dizzjunarju**
**Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Libr. MS 143/I, f. 1**

## Siltiet mid-dizzjunarju

**Colkana** gonnelletta ad uso de' contadini.
**Doblet** dobletto, specie di gonnella.
**Kalziet** Calzone, brache, femorale.
**Kappel** v.m. Capello l. Galerus, lida, pilum i.
**Kmis** e **kmisa** Camicia.
**Kork** Cioccere. Specie di pantufali sono le Cioccere, usate in alcuni paesi dell'Italia da certe donne. Anticamente erano da tutti usate si Uomini che Femmine. Si veggono nelle pitture antiche, ove passa pochissima differenza tra le Cioccere antiche e moderne, presentemente sono solamente usate da gente Contadina, e vilmente si formano dalla pelle porcina, ed Asinina, da puochi usate con pelle Vaccina.
**Manta** Ammanto, Manta. Oggi indica solamente una veste di Donna Maltese sempre nera e di seta con cui si cuopre da capo a piè, benche dalla stessa involta copre poco più di mezza vita. Non v'ha donna civile nelle Città nostre che non usa il Manto o sia Manta, a differenza di altre donne in qualche parte fuori da Malta e Gozo che anno la sua forma, ma in modo differente il suo taglio ed uso, come sono le Donne Siciliane. Sulla manta, cioè in mezzo che copre il capo, e propriamente la sua fronte viene attaccato un Pizzo, che spunta in figura di mezzo mattone, serve di ornamento alla veste et il viso del bel sesso più onestamente guardato.
**Sidria** specie di veste di uomo che va sino alla cintola, senza braccia.
**Terhha** fascia, cintola, cintura, strettoja v. hhżiem. uso ancora continuato in Malta e Gozo che nella Corsa de' Cavalli precede quella de' Ragazzi et Uomini, et a questi in premio di chi Sarà giunto il primo al Segno prefisso sarà dato ora una Beretta, Capello, Spada, ed ora una *Fascia*.
**Żarbun** et **Zarbuna** Scarpa, Sandalo.



### Attivitajiet edukattivi minn
### Heritage Malta

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali li tieħu ħsieb il-wirt kulturali ta' pajjiżna. Dan il-wirt jagħżilna minn ġnus oħra, kif nistgħu napprezzaw fil-mużewijiet u l-palazzi sbieħ li għandna, u fil-pajsaġġ Malti u Għawdxi. Heritage Malta twaqqfet biex tinvesti fl-istudenti għax iż-żmien igerbeb u min illum għandu 14-il sena, erba' snin oħra jista' jkun f'qagħda li jħares il-wirt kulturali Malti u jrawwem kuxjenza fuqu. Għalhekk torganizza wirjiet sbieħ u attivitajiet friski, tippubblika fuljetti u kotba, tagħti korsijiet u preżentazzjonijiet, tipparteċipa fi programmi fuq ix-xandir u toffri opportunitajiet oħra lill-pubbliku Malti u Għawdxi.

Ħafna minnkom żaru xi mużew jew sit arkeoloġiku, bħalma huma l-Palazz tal-Inkwiżitur (il-Birgu), l-Armerija (il-Belt), Ħaġar Qim u l-Imnajdra (il-Qrendi), Għar Dalam (Birżebbuġa) u l-Mużew tal-Folklor fil-Kastell ta' Għawdex. Hemm lista sħiħa ta' postijiet li tistgħu żżuru. Tagħrif fuq dawn il-postijiet issibuh fis-sit **www.heritagemalta.org**.

Heritage Malta tagħmel minn kollox sabiex mawra f'dawn il-mużewijiet ma tinsewha qatt. Torganizza attivitajiet li jgħinuk tosserva fid-dettall l-oġġetti u n-natura ta' madwarek. Waqt dawn l-attivitajiet nagħmlu l-għodda mill-għadam, nonqxu disinji fit-tafal u l-ġebel, nieħdu ritratti tan-natura, nagħmlu ikel tradizzjonali bħall-qagħaq tal-Għid u l-figolli, naħdmu l-pasturi bit-tafal, niskavaw, nilbsu kif kienu jilbsu missirijietna, nirreċtaw il-ħrejjef, nagħmlu mudelli ta' dgħajjes, u affarijiet oħra.

Heritage Malta se tkompli torganizza attivitajiet ġodda fil-mużewijiet differenti f'Malta u Għawdex. Min jixtieq jattendi għal dawn l-attivitajiet biex iġarrab u jifhem aħjar kulma nikkonservaw u nindukraw fis-siti tagħna, nitolbuh jiktbilna fuq **education@heritagemalta.org** ħalli nżommuh infurmat.

PDF Compressor Pro

Biex infakkru t-tliet mitt sena mit-twelid ta' de Soldanis, qed infissru l-valur tax-xogħlijiet tiegħu fuq l-ilsien Malti lill-istudenti tas-Sekondarja.

Id-dizzjunarju, il-grammatika u l-ġabra tal-qwiel, li beda jaħdem fuqhom Għawdex u kompliehom Malta, jagħmluh l-ewwel wieħed li esplora l-ilsien Malti u xandar il-ġmiel tiegħu. Hu wriena kemm jiswa li nibżgħu għall-kliem li għadu mxerred fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin.

Ministeru għal Għawdex
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA
Heritage Malta